## X'kienu jaqraw dawk li ħaduha kontra l-Franċiżi -

# Il-librerija ta' Dun Mikiel Xerri u l-kotba li kellu Gugliermo Lorenzi

© Noel D'Anastas

Wieħed mill-għorriefa kbar li kien hawn f'pajjiżna fis-seklu tmintax kien il-patrijott Dun Mikiel Xerri li baqa magħruf għas-sehem tiegħu fil-konġura kontra l-Franċiżi. L-għerf tiegħu deher fit-tagħlim li wassal kontemporanju ma' kulleġġi u seminarji oħra fl-Ewropa, fil-bosta priedki li kien imfittex għalihom, u fil-kotba li kellu f'librerija majestuża li turi l-kobor tal-personalità tiegħu.

Imwieled Ħaż-Żebbuġ fl-1737 u studja għall-qassis sew fis-seminarju ta' Malta kif ukoll barra,[1] fejn tħarreġ fit-teoloġija, letteratura u filosofija.[2] Wara li ha l-ordni sagri, huwa fetaħ skola f'Ħaż-Żebbuġ fejn kien jgħallem il-grammatika u beda jkun magħruf bħala s-*surmast Xerri*.[3] L-għerf ta' Dun Mikiel Xerri kien fil-filosofija u l-matematika, u xhieda ta' dawn huma l-kwantità ta' kotba li kellu f'dan il-qasam. Kien professur taż-żewġ xjenzi u rettur fis-seminarju li fost l-istudenti tiegħu fil-matematika kellu liż-żgħażugħ Żebbuġi Saverju Caruana li wara kellu jilħaq isqof ta' Malta.



*Dun Mikiel Xerri*

Wara bosta snin jgħallem fis-seminarju, Dun Mikiel Xerri nħatar professur tal-filosofija fl-università tal-belt. Hawn ħtieġlu jitlaq minn raħal twelidu u jmur joqgħod il-belt f'dar li kien kera fl-1777 mingħand il-patrijiet Karmelitani li kienet tinsab taħt l-istess kunvent tagħhom.

Fil-lejl tas-17 ta' Jannar 1799, ftit sigħat biss qabel l-esekuzzjoni tiegħu kien għamel testment fl-atti tan-nutar Giuseppe Bonavita.[4] Xerri ħalla l-kotba tiegħu inkluż l-ixkaffar, mappep u affarijiet oħra li kien juża għat-tagħlim akkademiku b'titlu ta' legat lis-seminarju b'sens ta' xhieda ta' qima u mħabba li kellu lejn is-seminarju. Dan għamlu b'ċerti obbligazzjonijiet u kundizzjonijiet. Fil-fatt, huwa ried li s-seminarju jħallas 80 skud lill-avukat Vincenzo Carbone għas-self li kien taħ, kif ukoll iħallsu lil Dun Pawl Busuttil 'tar-Ramli' għall-kotba li kien ġablu minn Napli fuq talba ta' Dun Mikiel Xerri nnifsu, liema kotba kellhom jinstabu fil-librerija tat-testatur. Xerri ried li f'każ li xi ktieb miġjub minn Busuttil ma' jinstabx, l-istess Busuttil kien awtorizzat biex jieħu ktieb ieħor ta' l-istess valur.[5]

Il-librerija ta' Dun Mikiel Xerri kienet tikkonsisti f'509 ktieb li kienu ġew stmati għal 188 skud u 7 tari, ammont żgħir komparat mal-librerija ġganteska li kellu l-kjeriku ħawwadi Nikola Debono minn Ħaż-Żebbuġ li kienet ġiet stmata minn Dun Gioacchino Navarro, l-kustodju tal-biblioteka tal-Ordni ta' San Ġwann f'April 1785, bi prezz li jammonta għal 992 skud 2 tari.[6]

Dawn il-kotba mpoġġija f'ħames vetrini kienu mqassma f'bosta suġġetti fosthom 366 meqjusa bħala opri jew kotba ta' ċertu valur u daqs. Kellu wkoll 33 ktieb li kienu mfardin u 110 meqjusa bħala *operette* jew xogħlijiet ta' inqas importanza. Id-daqs ta' dawn il-kotba kien varjat. L-akbar ammont ta' kotba li kellu kienu fil-format ta' *octavo* (*8vo*, madwar 20.5 x 28cm) fejn f'dan id-daqs kellu 61 titlu. Fil-qies ta' *duodecimo* (*12mo*, 17.5 x 20.5cm) kellu 59 titlu, filwaqt li fil-format ta' *quarto* (*4to*, 28 x 33cm) kellu 49 ktieb. Kellu tminn titli li kienu stampati fuq format ta' *folio* (aktar minn 33cm) u żewġ kotba fil-format żgħir ta' *sextodecimo* (*16mo,* 15.5 x 17.5cm). Fl-inventarju hemm ħames titli li m'hemmx imniżżel il-format tad-daqs tal-ktieb.

Il-kotba fuq l-ixkaffef tal-vetrini li kellu Dun Mikiel ma' kinux hemm biex issebbħu d-dehra tal-kamra bħal uħud minn bosta kollezzjonijiet ta' kotba li kellhom fil-libreriji tan-nobbli. Il-kotba li kellu kienu għal użu ta' kuljum fl-istudju li kien jagħmel għall-prattika tat-tagħlim, kif ukoll kotba ta' natura reliġjuża li kien jikkonsultahom fit-tħejjija għall-priedki u orazzjoni.

F'din il-kollezzjoni nsibu numru kbir ta' kotba dwar it-teologija, morali u ligi kanonika. Kellu ġabra komprensiva ta' kotba tat-talb, priedki u paneġierki wħud minnhom miktuba minn professuri Ġiżwiti fosthom l-oratur missjunarju Portugiż Antonio Vieira. (1608-1697) li tiegħu Dun Mikiel kellu żewġ kotba - *Rosa Mistica* u *Il Saverio addormentato*. Fil-Mużew tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu hemm għall-wiri l-ktieb *Prediche del Padre Antonio Vieira*. Dan il-ktieb kien stampat bil-Portugiż imbgħad kien tradott għat-Taljan minn membru ieħor tal-istess Ordni Reliġjuż. Din il-kopja kienet mitbugħa f'Milan fl-1689 u fuq il-frontispizju hemm miktub bil-linka li dan il-ktieb kien proprjetà ta' Dun Mikiel Xerri – *Michaelis Angeli Scerri ex Casali Zebugi*.[7] Kellu wkoll priedki ta' Giovanni Granelli li għex matul is-seklu tmintax, u Gabriel Malagrida (1689-1761) li kien ġie maħruq minħabba l-kompliċità li kellu mal-markisa Leonor ta' Tavora, (mart id-duka ta' Aveiro) li kien il-konfessur tagħha fil-ħsieb li jinqatel ir-Re Ġużeppi I tal-Portugal.



***Antonio Vieira***

Kellu wkoll 14-il volum bil-Franċiż ta' l-edizzjoni l-ġdida *Sermons de Bourdalorie* li kienu stmati 3 skudi 6 tari. Il-Ġiżwita Franċiż Louis Bourdaloue (1632-1704) baqa magħruf bħala r-"re tal-predikaturi u l-priedki". Ġiżwita ieħor fil-kollezzjoni li kellu Xerri kien Paolo Segneri (1624-1694) li tiegħu kellu l-opri kollha miġbura f'erba' volumi. Fil-Librerija tal-Kungress fl-Istati Uniti hemm miġbura l-*Opere tutte* ta' Segneri li kienet mitbugħa ġo Venezja minn Stamperia Baglioni fl-1728.

Il-librerija kienet tiġbor ukoll il-priedki, paneġiriki u r-raġjonamenti miktuba minn Francesco Venini (1737-1820), Pietro Antonio Bernardoni (1672-1714), Giovanni Lorenzo Berti (1696-1766), Antonio Valsecchi (1708-1791), Giorgio Rolla, Potenza, Bognati, Lavazzoli, kif ukoll xogholijiet tal-konfessur Ġiżwita Claude Colombiere (1641-1682), u Francois Giroust miktuba bil-Franċiż.

Fuq il-ligi kanonika kellu *Juris naturalis humanorumque contractuum et censurarum ecclesiæ moralis...* ta' Sebastiano Giribaldi (1643c.-1720), u *Prompta bibliotheca canonica* f'għaxar volumi ta' Lucio Ferrari li għex matul is-seklu tmintax, bl-edizzjoni li kellu Dun Mikiel tkun mitbugħa f'Napli fl-1788 u kienet stmata 8 skudi. Il-ġabra f'dan il-qasam kienet tinkludi wkoll xogħlijiet ta' Jean Pontas (1638-1728) *Dictionarium casuum conscientiae* fi tlett volumi. Fil-Librerija tal-Kungress hemm l-edizzjoni Venezjana tal-1744 ta' Bartoli, filwaqt li l-edizzjoni ta' Toulouse ta' l-1783 illum tiswa mal-220 Euros. (Lm94.60)

Kellu wkoll numru konsiderevoli ta' kotba teoloġici fosthom żewġ volumi miktuba minn Antonio *Genuensis* Genovesi (1712-1769), kif ukoll ieħor legali - *De jure et officiis…;*[8] seba volumi tat-*Theologia Moralis* tad-Dumnikan kontroversali Giovanni Vincenzo Patuzzi; ħdax-il volum ta' Henore Tournely (1658-1729) stmati disa' skudi – l-ogħla ammont stmat fl-inventarju; l-*Institutiones Theologiae* ta' Juenin Gaspard (1650-1713) li l-edizzjoni Venezjana tal-1772 hemm kopja tagħha fil-Biblioteka Maġġuri f'Cordoba fl-Argentina, kif wkoll l-*Institutiones theologiae ta'* Pierre C. M Collet.

It-teologu Ġiżwita Franċiż Paul Gabriel Antoine (1678-1743) li kien rettur fil-kulleġġ ta' Pont-à-Mousson huwa rappreżentat fil-kollezzjoni ta' Xerri bis-sitt volumi tat-*Theologia moralis universa*, li kienet ippublikata għall-ewwel darba fl-1726 f'Nancy f'daqs ta' *duodecima*. Kienet ġiet mitbugħa sittin edizzjoni madwar id-dinja u l-edizzjoni ta' Ruma tal-1747

ppublikata minn Philip Carbognano, O.M. għandha bosta addizzjonijiet mill-oriġinal fosthom każi riservati u digrieti mill-Papa Benedittu XIV. Fil-fatt, l-interess qawwi li ħa Benedittu XIV f'dan ix-xogħol kien li preskritta l-użu tagħha fil-kulleġġ tal-Propoganda Fide u kienet milqugħa tajjeb minn bosta isqfijiet Franċiżi u Taljani. Dun Mikiel kellu wkoll it-teoloġija morali ta' Edmondo Voit li tidher li kienet imfarda; *Theologia Dommatica* ta' Capasso u ż-żewġ kotba ta' Gian Vincenzo Gravina (1664-1718) bit-titlu ta' l-*Institutiones Canonicae,* u ktieb fuq l-orazzjoni.

Il-Papa Benedittu XIV (1675-1758) li laħaq Papa fl-1740 u huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar Papiet intelletwali fl-istorja tal-knisja, huwa rrappreżentat b'diversi kotba fosthom iż-żewġ volumi tal-*Costitutiones selectae*; tliet volumi fuq is-Sinodu Djoċesan, u r-ritwal Ruman li ġie ammendat fl-1752 mill-istess Papa.

L-aspett reliġjuż fil-librerija ta' Dun Mikiel Xerri nkludiet ukoll il-Brevjar Ruman u l-erba volumi tal-*Bevarium Parisiense* li skond il-*Libraire Guimard* f'Nantes Franza huwa kkalkulat li jqum mal-400 Euros (Lm172);[9] u l-istorja tat-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid bil-Franċiż ta' Royaumont. Kellu żewġ edizzjonijiet tal-*Missale Romanum*, wieħed ippublikat ġo Venezja fl-1549 u l-ieħor f'Lyon fl-1682. Is-sitt volumi tal-Bibja Sagra illustrata kienet stmata żewġ skudi.

Inkluża fl-ixkaffef tal-vetrini ta' Dun Mikiel fid-dar tiegħu fil-belt kellu l-ittri pastorali tal-Monsinjur Arċisqof ta' Treves, u d-Duttrina Kristjana tal-Patri Giuseppe Domenico Boriglioni, fundatur tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina Kristjana f'Avignone.




***Christian Wolff***

# Kotba tal-Matematika u Filosofija

Bħala għalliem tal-matematika fis-seminarju, Dun Mikiel ħtieġlu li jkollu diversità ta' kotba tal-matematika u xjenza biex jużahom bħala kotba tat-test. Kellu bosta kotba t'awturi kbar maħruġa f'dik l-epoka u dan ikompli jixhed li t-tagħlim imwassal minn Dun Mikiel lill-istudenti tiegħu kien wieħed kontemporanju ma' dak li kien qed jiġi mgħallem f'seminarji u universitajiet madwar l-Ewropa.

Kellu miġbur tliet kotba tal-lezzjonijiet elementari tal-matematika, wieħed minnhom tal-Franċiż Nicolas Louis de la Caille (1713-1762),[10] kif ukoll ta' ċerta relevanza kienu ż-żewġ volumi tal-*Corso di Matematica* tal-Ġiżwita Franċiż Carlo Bossut (1730-1814), professur tal-matemaika f'Mezieres, liema test kien inħareġ fl-1787, tlittax il-sena qabel ma' Xerri ġie ffuċċilat. Fuq il-ġeometrija kellu l-*Institutiones analyticae* ta' Paulini a S. Josepho li edizzjoni minnhom inħarġet minn Gessari (P. Chelucci) f'Napli, fl-1755. Fuq l-istess suġġett, kellu ż-żewġ volumi tal-Ġiżwita Belġjan Andrea Tacquet (1612-1660) b'noti ta' Guilielmo Whiston, mitbugħ f'Napli fl-1784.

Bil-Franċiż kellu trattat tal-alġebra, volum fi tliet partijiet ta' l-iskular Skoċċiż Colin Maclaurin (1698-1746) li jiġbor fih ir-regoli fundamentali u r-resoluzzjoni tal-ekwazjoni ta' kull grad, kif ukoll l-applikazzjoni tal-alġebra u l-ġeometrija ma' xulxin.[11] Dan il-ktieb jidher li kien tpartat ma' ċertu Giuseppe li kellu ħanut tal-merċa.[12] Imfarda kienet l-opra kbira tal-*Corso di Matematica* tal-filosofu, matematiku u xjenzat Freiherr von Christian Wolff (1679-1754), student tal-filosofu Leibniz.[13] Fit-testment tiegħu, t-testatur kien iddikjara li partat volum mis-serje ta' Wolff ma' ċertu Giuseppe Bonavita, iben Mattew. Ktieb ieħor tal-matematika li kien juża Dun Mikiel fit-tagħlim tiegħu kien dak li jittrata fuq il-logaritmu miktub minn Adriano Vlacq attiv fis-seklu sbatax, bit-titlu *Tabulae Sinuum, Tangentium et Secantium.* Ta' konsultazzjoni kienu wkoll is-sitt volumi ta' l-Ittri Provinċjali ta' Blaise Pascal bin-noti ta' Vendroch maqluba għat-Taljan.

Dun Mikiel Xerri kien skular kbir tal-filosofija fejn kien professur fl-Università fejn bla dubju fil-librerija kellu numru konsiderevoli ta' kotba tal-filosofija miktuba minn awturi magħrufa fosthom *Elementa Physica* ta' Pietro Muschembroek (1692-1761); *Metaphysica* ta' Angelo Schiavetti; *Altieri Philosophia; Elementa Philosophiae* ta' Frederich Christian Baumeister (1709-1785); *Elementa Philosophiae rationalis et moralis* tal-imħallef Ġermaniż Johann Gottlieb Heinecci (1681-1741); l-*Esame del Fatalismo* ta' Francois Andre Adrien Pluquet (1716-1790); u l-*Institutiones Metaphysicae cum Logica* f'ħames volumi tal-Ġiżwita Sigismond Storchenau (1731-1797) li jidher li Xerri kellu volum nieqes fil-librerija tiegħu. Kellu wkoll *Filosofia moral por tesauro,* l-uniku ktieb bl-Ispanjol li kellu fil-librerija.

Kellu kotba oħra tax-xjenza inkluża dawk fuq l-astronomija nawtika ta' Pierre Louis Moreau del Maupertuis (1698-1759); *Ricerche intorno alla natura dello stile,* u *Scienza della natura* ta' Giovanni Maria delle Torre f'żewġ taqsimiet – waħda ġenerali u l-oħra titratta fuq id-dinja terrestra, mibjugħ ġo Venezja fl-1750 u kien stmat skud u 8 tari.

Kellu ktieb ieħor ta' ċerta interess. Dan kien *Lettere sopra lo elettricismo* ta' Carlo Mezzacane maħruġ f'Napli ftit qabel ma' ġiet skoperta l-elettriċità minn Alessandro Volta.

## Teżawri u kotba tal-grammatika

Għal bosta snin Dun Mikiel kien għalliem tal-grammatika u bla dubju ma' naqsux kotba tat-test li kien juża fit-tagħlim lill-istudenti tiegħu. Fost il-kotba tal-grammatika, Dun Mikiel kellu l-Grammatika ta' Domenico Maria Manni (1690-1788); il-*Compendium Grammatica Greca Patavina*; *Grammatica Emanuelis Alvari*, l-istudju kritiku fuq il-lingwa Latina ta' Zambaldi; kif ukoll ir-regoli tal-lingwa Taljana ta' P. Salvatore Corticelli. Kellu wkoll l-istudji tal-Latin bl-isem ta' *Regia parnassi* b'edizzjoni minnhom kienet inħarġet ġo Venezja fl-1745; u l-ortografija Latina ta' Cellari. Ta' ċerta relevanza kien il-*Raccolta di prose fiorentine* ta' Smarrito (1619-1675), akkademiku ta' Crusca.[14] Ktieb ieħor ta' proża kien *Poesie toscane* ta' Vincenzio da Filicaia (1642-1707), senatur u akkademiku Fiorentin.

Barra dawn, Dun Mikiel kien jikkonsulta bosta dizzjunarji fosthom il-*Kalepin* bil-Latin b'seba lingwi ta' Giacobo Facciolati (1682-1769) mitbugħ f'żewġ volumi u jitqies bħala l-aktar vokabolarju komprensiv fil-lingwa Latina li qatt sar. Facciolati ppubblika edizzjoni ġdida ta' *Thesaurus Ciceronianus* ta' Mario Nizolio (1498-1566) li wkoll kien jagħmel parti mit-teżawri li kellu fil-kollezzjoni ta' Dun Mikiel Xerri. Kellu wkoll dizzjunarju mill-Franċiż għal-Latin miktub minn Pierre Danet (1650c-1709) u l-Lexicon Grieg ta' Cornelio Schreveli (1608-1664).

## Il-kotba ta' Vassalli, Abela u Ciantar

F'dik li hija *Melitensja*, Dun Mikiel Xerri kellu erba' kotba. Ta' Mikiel Anton Vassalli kellu l-*Grammatica* u l-*Lexicon Melitense*. Il-*Ktyb yl Klym Malti Mfysser byl-Latin u byt-Taljan sive Liber Dictionum Melitensium – Lexicon Melitense* kien għadu ġdid li sab postu fil-librerija ta' Dun Mikiel għax kien ilu biss tliet snin fis-suq. Il-Lexicon li huwa meqjus bħala l-aqwa sehem li Vassalli ta lit-trawwim ta' l-ilsien nazzjonali fejn kellu ġabra ta' kliem Malti mfissra bit-Taljan u bil-Latin. Dan kien mitbugħ għand Antonio Fulgoni f'Ruma, fl-1796.[15] Il-*Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitens* kien ukoll mitbugħ għand Fulgoni fl-1791, ħames snin qabel inħareġ il-Lexicon.[16] Il-qies tagħhom kien ta' *quarto* u ż-żewġ volumi kienu stmati għal skud u 8 tari.

Kellu wkoll *Della descrittione de Malta Isola nel mare…* tal-Viċi Kanċillier tal-Ordni Ġian Franġisk Abela (1582-1655) mitbugħ Malta minn Paolo Bonacota fl-1647.[17] Kien ta' daqs ta' folja u jiġbor fih mal-573 pagna. Dan kien stmat għal 2 skudi 6 tari. Il-*Malta Illustrata* kellha l-edizzjoni ta' Giovanni Antonio Ciantar (1696-1778) mitbugħa minn Giovanni Mallia fl-istamperija tal-Palazz fl-1772.

## Kotba oħra…

Kotba oħra fil-librerija ta' Dun Mikiel Xerri jinkludu żewġ xogħlijiet ta' Ludovico Antonio Muratori (1672–1750), librar u storiku li għex

matul is-seklu tmintax. Muratori kiteb fuq aspetti storiċi u suġġetti kanonikali fejn ukoll kien attakkat bl-aħrax mill-Ġiżwiti fuq tagħlim eretiku. Fl-1752, lis-stampatur Joannis Baptistæ Pasquali ta' Venezja ppubblika l-*Laminidi Pritanii* ta' Muratori, filwaqt li erba snin qabel kellu mitbugħ f'Lucca l-ktieb *Della pubblica felicita oggetto de' buoni principi...,* li llum huwa kkunsidrat li jqum 58 Euros (Lm25). Interessanti kienu wkoll iż-żewġ volumi ta' siltiet li huma mera ta' l-elokwenza - *Pieces d'eloquence*. Dan huwa stmat 90 Euros (Lm39) mill-ħanut tal-kotba antiki ta' Caroline Massart - Gil - *Ecrire* – f'Aurillac fi Franza.

L-istorja tal-Konċilju tat-Trento ta' Paolo Sarpi (1552-1623) kien evidenti f'kull librerija ekkleżjastika komprensiva bl-ewwel edizzjoni bit-Taljan ta' dan il-ktieb ħarġet f'Londra fl-1619.

Fl-inventarju hemm ukoll inkluż l-istorja tal-Imperu Ruman ta' Willem Hendrik Nieupoort; *Les beaux arts reduits à un même principe* ta' Charles Batteux (1713-1780); l-enċiklopedija ta' personaġġi għorrief Franċiżi *Esprit de Encyclopedie*; l-*Historia et Concordia Evangelica* mitbugħ f'Pariġi; *Bilancia della verità* ta' Bonaventura Attardi (1679-1760); u żewġ xogħlijiet klassiċi ta' Disederio Erazmu - il-*Colloquia selecta* li kien impoġġi fl-index tal-*Librorum Prohibitorum*, u l-*Adagia* bi studju ta' Paolo Manuzio (1512-1574).

Bħal kull akkademiku ieħor, Dun Mikiel Xerri kellu ġabra ta' kotba klassiċi bħal Omeru, Orazju, Plato, l-kummentarji ta' Ċesare, u t-tlett djalogi fuq Ċiċerun. Barra kotba, Dun Mikiel kellu numru mdaqqas ta' karti ġeografiċi u globi. Kellu wkoll bosta kitbiet li fl-istess testment imsemmi riedhom li jiġu mogħtija wara mewtu lis-Sur Ġużeppi Galea, bin il-Baruni Giovanni Galea.

## Il-kotba tal-Kurunell Gugliermo Lorenzi u dak li nstab għand *'ta' Nurata'*

Patrijott ieħor li ġġieled kontra l-Franċiżi u miet ma' Dun Mikiel Xerri kien il-Kurunell Gugliermo Lorenzi minn Korsika li kien kursall fuq il-baħar fiż-żmien l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta. Wara kien daħal ma' l-armata tal-Każar Pawlu I tar-Russja. Il-Każar li ried jieħu lil Malta taħt idejh kien inqeda b'Lorenzi u bagħtu jaħdimlu minn taħt hawn Malta. Hawn wera ħbiberija mal-poplu Malti u fdawh f'kollox.

Fiż-żmien l-Imblokk tal-Franċiżi, Lorenzi rnexxielu jidħol il-belt u hemm għamel ħabib ma' Dun Mikiel Xerri. Hemm ġabar madwaru xi Maltin oħra fosthom qasis ieħor Żebbuġi Dun Bartolomeo Zarb *'ta' Nurata'* u ftehmu biex jagħmlu konġura li kellha teqred il-Franċiżi. Iżda l-pjan ta' Dun Mikiel Xerri, Lorenzi u sħabhom inkixef, ġew arrestati u xkubettati mis-suldati Franċiżi.

Fl-inventarju tal-mobbli u oġġetti prezzjużi li kienu fid-dar ta' Gugliermo Lorenzi nsibu li kellu ftit kotba li kienu ta' valur importanti għall-professjoni tiegħu. Għalkemm l-inventarju ma' jagħtix deskrizzjoni sħiħa tal-kotba li kellu Lorenzi, inkluż hemm il-ktieb ta' l-Istorja tal-Italja ta' Francesco Guicciardini (1483-1540) li tiffoka fuq il-perjodu kollu mill-mewt ta' Lorenzo de' Medici fl-1492 sa l-era tal-Papa Klement VII fl-1534, l-aktar żmien diżastruż għall-istorja glorjuża ta' l-Italja fejn tixhed it-telfa tal-indipendenza tan-nazzjon. Kellu wkoll erba volumi *"in quarto"* llegati *"alla Olandese"*.[18]

Fis-sala prinċipali tad-dar tiegħu kellu wkoll tliet volumi tal-poeta, drammaturgu u librettista Pietro Metastasio (1698-1782) li meta kien intagħmel l-inventarju, dawn il-kotba kienu nstabu fuq mejda żgħira. Kellu wkoll erba' kotba ta' *"arolamento di Marinari"*. L-inventarju jiġbor ukoll il-kwantità ta' karti u kotba oħra, kif ukoll strumenti tal-matematika li kien juża fuq il-baħar. L-element marittimu kien jidher ukoll f'diversi kwadretti li kienu jirrappreżentaw il-battalji tal-Muscoviti. Kellu wkoll *"un baccalbetto con alcuni libri spettate al corso"*.[19]

Fil-mezzanin ta' Dun Bartolomew Zarb fi Triq il-Punent il-belt ma' nstab xejn ħlief ftit għodda ta' mastrudaxxa dilettant li kien juża Zarb. Jidher li fil-25 ta' Jannar 1799 meta żewġ uffiċjali fosthom is-segretarju tal-kummissjoni tal-propjetà pubblika marru biex jagħmlu l-inventarju tal-propjetà ta' Zarb sabu li xi ħadd mhux magħruf kien daħal mill-gallerija ċkejkna u seraq dak li sab li kien ta' ċerta valur.[20]

## Il-librar Salvatore Russo

Fost in-numru kbir li ġew xkubettati fir-

rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi nsibu ċertu Salvatore Russo mill-belt li kien librar fil-kummerċ tal-kotba *"arte di libraro"*.[21] Fl-1792, Salvatore Russo kien applika biex jillega l-kotba *"alla francese"* u jimporta kotba minn diversi pajjiżi *"per leggali e vederti al publico in un bottega"*.[22] Dwar Salvatore Russo ma nafu xejn dwar x'kotba kellu fid-dar tiegħu.



**• Dan huwa l-inventarju tal-kotba li kellu Dun Mikiel Xerri li kien intgħamel fis-6 t'Awissu 1799.[23] Għalkemm fil-passat inkiteb xi tagħrif dwar dan l-inventarju,[24] jidher li qatt ma' ġie ppubblikat. Għalhekk, għall-ewwel darba qed tiġi stampata l-lista sħiħa ta' kotba li kellu dan il-patrijott. Fil-kolonni ta' ħdejn it-titlu u l-awtur tal-ktieb, hemm imniżżel id-daqs tal-ktieb, il-volumi f'dak it-titlu, u l-prezz kemm kienu ġew stmati.**

| | | | Vol. | Prezzo scudo - tari | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | [Jacobi] Facciolati. *Calepinus septem linguarum* | Folio | 2 | 3 scudo | |
| 2 | Sebastiano Giribaldi. *Op. Moralia de Sacramentis. Tomi 5 Vol. 4* | Folio | 4 | 4 scudo | |
| 3 | [Marii]Nizolii. *Thesaurus Ciceronianus* | Folio | 1 | 1 scudo | 8 tari |
| 4 | [Cornelii] Schrevelii. *Lexicon Grecum [manuale græco-latinum & latino græcum]* | Folio | 1 | 1 scudo | |
| 5 | [Paulli] Manutii. *Adagia Latina* | Folio | 1 | 1 scudo | |
| 6 | [Aloysii Antonii] Verneii. *De re logica libri* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 7 | Danet. *Dictionnaire Francois-Latin* | 4to | 1 | | 8 tari |
| 8 | *Missale Romanum.* Venetia 1549 | 4to | 1 | | 4 tari |
| 9 | Aliud Lugd. [Lugdunum] 1682 | Folio | 1 | | 6 tari |
| 10 | Vassalli. *Grammatica et lexicon melitensis* | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 11 | *Horatius cum comment. ad usu Delph.* | 4to | 2 | 2 scudi | 6 tari |
| 12 | *Bened. P. XIV Synodus Dioc.* | 4to | 3 | 3 scudi | |
| 13 | [Colin] Maclaurin. *Traite d'Algebre* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 14 | [Giacomo] Mazzocchi. *Opuscula* | 4to | 2 | | 10 tari |
| 15 | [P. Antonio Genovesi] Genuensis. *Theologia* | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 16 | *Synopsis Openum Bened. P. XIV* | 4to | 5 | 2 scudi | |
| 17 | [Benedetti XIV]. *Constitutiones selectae* | 4to | 2 | | 8 tari |
| 18 | [Paolo] Sarpi. *Historia del Concilio Tridentino* | 4to | 1 | | 8 tari |
| 19 | Potenza. *Ragionamenti e Prediche* | 4to | 1 | | 5 tari |
| 20 | *Vocabolario per la scuole di Torino* | 4to | 2 | 1scudo | 8 tari |
| 21 | [Jean] Pontas, et Collet. *Dictionarium casuum conscientiæ* | 4to | 3 | 2 scudi | 6 tari |
| 22 | Arignani. *Institutiones Morales* | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 23 | [Giovanni] Granelli. *Prediche* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 24 | [Francesco] Venini. *Panegirici* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 25 | [Michaele] Bauldry. *Manuale Sacrarum Caeremoniarum* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 26 | [Miguel de Vargas] Macciucca. *Dissert. Sopra la riforma degli abusi de Ministeri.* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 27 | Trento Panegirici | 4to | 1 | | 4 tari |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Ser. Da Vicenza. *Quaresimale* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 29 | [Padre Paolo] Segneri. *Opere tutte* | 4to | 4 | 2 scudi | 6 tari |
| 30 | [Jacob] Besombes. *Moralis Christiana* | 4to | 2 | 1 scudo | |
| 31 | Serry. *Exercit. Critice S. de Christo* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 32 | P. Ign. della Croce. *Orazioni* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 33 | [Ludovico Antonio Muratori] *Lamindi Pritanii De Ingeniorum Moderatione in Religionis Negotio* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 34 | [Georgius] Rolla. *Avvento e Quaresimale* | 4to | 1 | | 5 tari |
| 35 | Bognati. *Quaresimale* | 4to | 1 | | 5 tari |
| 36 | Bernardoni. *Panegirici* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 37 | [Gabriele] Malagrida. *Ragionamenti e Panegirici* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 38 | Georgius. *de Naufragio S. Pauli.* | 4to | 1 | 1 scudo | 3 tari |
| 39 | Ciantar. *de Codem* | 4to | 1 | 1 scudo | 3 tari |
| 40 | Crispino. *Visita Pastorale* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 41 | Vieira. *Rosa mistica, Serm. e Panegirici* | 4to | 4 | 1 scudo | |
| 42 | [Antonio] Valsecchi. *Panegirici* | 4to | 1 | | 6 tari |
| 43 | [Giovanni Lorenzo] Berti. *Panegirici* | 4to | 1 | | 5 tari |
| 44 | [Bonaventura] Attardi. *Bilancia della verità risposta al libro intitolato Paulus Apostolus in mari…* | 4to | 1 | | 4 tari |
| 45 | [Domenico Maria Manni]. *Compendio del Vocabolario [degli Accademici] della Crusca* | 4to | 3 | 1 scudo | |
| 46 | *Giunta al gran Vocabolario della Crusca* | Folio | 1 | | 6 tari |
| 47 | [Giovanni Vincenzo] Patuzzi. *Theologia Moralis* | 4to | 7 | 7 scudi | |
| 48 | Gadem in compendium redacta | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 49 | [Commendatore F. Giovanfrancesco] Abela. *Malta illustrata* | Folio | 1 | 2 scudi | 6 tari |
| 50 | Tournelis. *Theologia Tomi XI* | 4to | 9 | 9 scudi | |
| 51 | [Pierre C. M.] Collet. *Institutiones theologiae* | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 52 | [Lucius] Ferrari. *Biblioteca canonica*. Napoli 1788 | 4to | 10 | 8 scudi | |
| 53 | [Giov. Maria della] Torre. *Scienza della Natura* | 4to | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 54 | Raccolta di prose fiorentine | 4to | 4 | 4 scudi | |
| 55 | *Sermons de [Claude] Colombiere* | 8va | 5 | 1 scudo | |
| 56 | *Compendium Grammatica Greca Patavina* | 8va | 1 | | 3 tari |
| 57 | Erasmi. *Colloquia selecta* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 58 | *Lettre Pastorale de [Monseigneur] l'Archeveque De Treves* | | 1 | | 2 tari |
| 59 | *Oeuvres de [M. Francois de Salignac de La Mothe] Fenelon* | 12mo | 5 | 1 scudo | 8 tari |
| 60 | *Breviarium Romanum* | 12mo | 4 | 4 scudi | |
| 61 | *Breviarium Parisiense* | 12mo | 4 | 2 scudi | 6 tari |
| 62 | *Hora diurnal* | 12mo | 1 | | 4 tari |
| 63 | [Jacobus Merlo] Horatius. *Paradisus animae christianae* | 12mo | 1 | | 5 tari |
| 64 | [Gaspare] Juvenin. *Institutiones Theologiae* | 12mo | 7 | 4 scudi | |
| 65 | Thomasii. *Orationes* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 66 | Cic. *Epist. Ad Atticum. Gdit. Manut* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 67 | *Sermons de Bourdalorie (nouveau edition)* | 12mo | 14 | 3 scudi | 6 tari |
| 68 | *Pensees du meme* | 12mo | 2 | | 7 tari |
| 69 | *Filosofia moral por Tesauro* | 4to | 1 | | 3 tari |
| 70 | *Grammatica Emanuelis Alvari* | 4to | 1 | | 5 tari |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 71 | *Virgilius cum notis Variorum (tarlatiss.)* | 8va | 3 | 1 scudo | 8 tari |
| 72 | [C.] Plinii. *Epistole cum notis Varioriorum (tarlatiss.)* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 73 | *Sermons de Giroust* | 12mo | 5 | 1 scudo | |
| 74 | *Novum Testamentum graecum* | 12mo | 1 | | 7 tari |
| 75 | *Les beaux arts reduits à un même principe* | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 76 | Bilancia. *Del tempo* | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 77 | [M.T.] Ciceronis. *Rhetoricorum libri* | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 78 | Flori. *Romana historia* | 16mo | 1 | | 1 tari |
| 79 | Pomeis. *Particules de la Langue Latine* | 16mo | 1 | | 1 tari |
| 80 | [Paul Gabriel] Antoine. *Theologia moralis [universa]* | 8va | 6 | 2 scudi | 6 tari |
| 81 | Gadem in compendium redacta | 8va | 2 | 1 scudo | |
| 82 | Aliud exemplar | 8va | 2 | 1 scudo | |
| 83 | [Friedrich Christian] Baumeister. *[Elementa] Philosophiae [recentioris, pluribus...]* | 8va | 5 | 1 scudo | 8 tari |
| 84 | [François-André-Adrien] Pluquet. *Esame del Fatalismo* | 8va | 3 | 1 scudo | 6 tari |
| 85 | Facciolo. *Certamina Litter. Acad. Patavina.* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 86 | *Ciceronis De Officiis cum notis Facciolati* | 8va | 1 | | 8 tari |
| 87 | Aliud exemplar | 8va | 1 | | 6 tari |
| 88 | *Lettere Provinciali de Pascal con note di Vendroch* | 12mo | 6 | 1 scudo | 8 tari |
| 89 | Altieri. *Philosophia* | 8va | 3 | 1 scudo | 3 tari |
| 90 | [Antonio] Genovesi. *De jure et officiis* | 8va | 2 | 1 scudo | |
| 91 | Idem in compendium redactor | | 1 | | 4 tari |
| 92 | *Biblia Sacra cum fig.* | 12mo | 6 | 2 scudi | |
| 93 | *Dissertatio Can. de officiis Canonicorum a Van. Espen* [Zeger Berraro] | 12mo | 1 | | 6 tari |
| 94 | *Bona Psalmodia* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 95 | *Synonimes Latins* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 96 | *L'Esprit de l'Encyclopedie* | 12mo | 5 | 2 scudi | |
| 97 | *Ricerche intorno alla natura dello stile* | 8va | 1 | | 3 tari |
| 98 | Zambaldi. *Osservazioni critiche intorno la lingua Latina* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 99 | Orazioni e discorsi sacr, ed accademici | 8va | 1 | | 5 tari |
| 100 | [Vincenzio da] Filicaia**.** *Poesie toscane* | 12mo | 1 | | 3 tari |
| 101 | Pauli Mocciae. *Epistolae* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 102 | [Carlo] Mazzacane. *Lettera sopra lo elettricismo* | 4to | 1 | | 3 tari |
| 103 | [Persino Cicerone] *Commentari di Cesare* | 12mo | 2 | | 6 tari |
| 104 | [Adriani]Vlack. *Tabulae Sinuum, Tangentium et Secantium* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 105 | Aliud Exemplar | 8va | 1 | | 6 tari |
| 106 | [Carlo Maria] Nardi. *Specimen Inscriptionum* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 107 | Remanarum inscriptionum fasciculus | 8va | 1 | | 6 tari |
| 108 | Dominici Ludovici. *Carmina et inscriptions* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 109 | Edmundi Voit. *Theologia Moralis* Tomi 4 | 12mo | 2 | 1 scudo | 3 tari |
| 110 | *Insitutiones Philos. ad usu Sem. Neop.* | 12mo | 4 | 1 scudo | 8 tari |
| 111 | [Andrea] Tacquet. *Elem. geometria notis [Gulielmi]Whiston* | 8va | 2 | 1 scudo | |
| 112 | Capasso. *Theologia Dogmat* | 8va | 2 | | 6 tari |
| 113 | [Johann Gottlieb] Heineccii. *Opusculorum variorum* | 12mo | 2 | 1 scudo | 3 tari |
| 114 | Royaumont. *L'histoire du Vieux et du Nouveau Testament* | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 115 | Q. [Quintus] Curtius [Rufus] | 12mo | 1 | | 1 tari |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 116 | Campolongo. *Cursus Philosoficus* | 12mo | 4 | 1 scudo | 8 tari |
| 117 | Eiusdem. *Quaresimale* | 12mo | 3 | | 9 tari |
| 118 | *Institutiones Philosophiae* Lugdun | 12mo | 5 | 1 scudo | 10 tari |
| 119 | *Institutiones Theologia* Sch. Lugd. | 12mo | 6 | 2 scudi | 6 tari |
| 120 | Baillus. *Tractatus de vera Religione* | 12mo | 2 | 1 scudo | 3 tari |
| 121 | [Recueil de Plusieurs] *Pieces d'eloquence* | 12mo | 2 | | 8 tari |
| 122 | Nuovo Metodo per la lingua Latina | 8va | 2 | | 8 tari |
| 123 | Corso di Matematica dell'Ab. Bossut | 8va | 2 | 1 scudo | 3 tari |
| 124 | [Jean Jacques] Burlamachi. *Diritto della natura* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 125 | Eiusdem. *Diritto Politico* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 126 | *Concilium Tridentinum* | 8va | 1 | | 5 tari |
| 127 | Cathechismus eiusdem Concilium | 8va | 1 | | 2 tari |
| 128 | *Divozione di Maria madre del Lume* | 12mo | 4 | | 10 tari |
| 129 | Canonico Cosmi. *Metodo de' principi del Discorso* | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 130 | Faba. *Ritratti di uomini illustri* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 131 | [Johann Gottlieb] Heineccii. *Elem. Stili cultionis* | 12mo | 1 | | 4 tari |
| 132 | Porretti. *Prosodia Italiana e Latina* | 12mo | 1 | | 3 tari |
| 133 | Cornelio Nip. *Tradotto dal Bandiera* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 134 | Tursellini. *Epitome Historiarum* | 12mo | 1 | | 4 tari |
| 135 | [Paulli] Manutii. *Apophtesmata* | 12mo | 1 | | 3 tari |
| 136 | [P. Ovidii Nasonis] *Heroidum epistolae Ovidii* | 12mo | 1 | | 1 tari |
| 137 | *Horatius cum notis Bond.* | 12mo | 1 | | 4 tari |
| 138 | [Gian Vincenzo] Gravina. *Orationes* | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 139 | Sidronii Hosschii, Becani et aliam. *Carmina* | 12mo | 1 | | 6 tari |
| 140 | [Gian Vincenzo] Gravina. *Institutiones Canonicae* | 12mo | 1 | | 5 tari |
| 141 | [P. Salvatore] Corticelli. *Regole della Lingua Italiana* | 12mo | 1 | | 4 tari |
| 142 | Paulini a S. Josepho. *Institutiones analyticae [eurumque usus in Goemetria]* | 8va | 1 | | 5 tari |
| 143 | P. And. Da Faenza. *Quaresimale per le Monache* | 4to | 1 | | 5 tari |
| 144 | Quartapelle. *Elem. di Logica e Psicología* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 145 | [Willian Hendrik] Nieupoort. *Republica et Ritus Rom.* | 12mo | 2 | | 6 tari |
| 146 | *Grammatica Greca Patavina* | 8va | 1 | | 2 tari |
| 147 | *Grammatica rag. della lingua Italiana Nap.* | | 1 | | 2 tari |
| 148 | *Selecta Patru. Soc. Jesu Carmina et Orationes* | | 2 | | 4 tari |
| 149 | *Dizionario port. di Morale e Canonica tratto da Ben. XIV dal Mausi* | 12mo | 1 | | 4 tari |
| 150 | *Problemi per gli Agrimensori del Mascheroni* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 151 | [Ludovico Antonio] Muratori. *Trat. Della Felicità pub.* | 8va | 1 | | 2 tari |
| 152 | [Pierre Louis Moreau de] Maupertuis. *Astronomie nautique* | 8va | 1 | | 3 tari |
| 153 | Plauti. *Comoedie. ex edit. Carmini* | 8va | 1 | | 8 tari |
| 154 | MencKenii. *Orationes Academicas* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 155 | Lavazzoli. *Sermone sopra la Religione* | 12mo | 1 | | 1 tari |
| 156 | [Jacobi] Cellarii. *Orthographia Latina* | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 157 | *Rituale Romanum* | 12mo | 1 | | 3 tari |
| 158 | Ang. Schiavetti. *Metaphysica* | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 159 | *Il Saverio addormentato.* Panegirici del Vieira | 12mo | 1 | | 2 tari |
| 160 | Martialis Epigrammata ex purgata a Iuvencio | 12mo | 1 | | 4 tari |
| 161 | Severi Sulpicii. *Sacra historia cum Sigonii Commentariis* | 8va | 1 | | 8 tari |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 162 | Johann Gottlieb Heineccius. *de Iure B[elli] et Pacis* | 12mo | 1 | | 6 tari |
| 163 | Poetarum Delectus. i.e. Martialis, Catulli et Tibulli | 12mo | 1 | | 3 tari |
| 164 | Erasmi. *Adagia* | 12mo | 1 | | 6 tari |
| 165 | *Historia et Concordia Evangelica.* Paris | 12mo | 1 | | 8 tari |
| 166 | *Selecta Latini Sermonis exemplaria* | 8va | 6 | 2 scudi | 6 tari |
| 167 | [P. Daniele Antonio] Genuensis. *Theologia Christiana* | 8va | 2 | 1 scudo | 3 tari |
| 168 | Salviani Massil et Vincentii Lirinen. *Opera studio Baluzii.* Venetia | 8va | 1 | | 6 tari |
| 169 | Cicero de Oratore cum notis | 8va | 1 | | 5 tari |
| 170 | Eiusdem**.** *Orationes* | 12mo | 3 | 1 scudo | 3 tari |
| 171 | Eiusdem. *I tre libri dell'Oratore, con note* | 8va | 3 | 1 scudo | |
| 172 | Bandiera. *Vita celebr. Virora'* | 8va | 2 | | 5 tari |
| 173 | Juan Grutero. *Senece Opera* | 12mo | 3 | 1 scudo | 3 tari |
| 174 | [Pietro] Muschembroek. *Elementa Physica* | 8va | 2 | 1 scudo | 8 tari |
| 175 | *Dottrina Cristiana del Padre [Giuseppe Domenico] Boriglioni* | 12mo | 2 | | 10 tari |
| 176 | *Regia parnassi [seu palatium, in quo synonima, epitheta ecc]* | 8va | 1 | | 4 tari |
| 177 | Caesar Comment. De Bello Gal. in notis | 12mo | 1 | | 4 tari |
| 178 | [Johann Gottlieb] Heineccii. *Elementa Philosophiae rationalis et moralis* | | 1 | | 4 tari |
| 179 | *Lezioni elementari di Matematica per la [Nicolas Louis de la] Caille* | 8va | 1 | | 6 tari |
| 180 | altro esemplare | 8va | 1 | | 6 tari |
| 181 | altro esemplare | 8va | 2 | | 8 tari |
| 182 | [Sigismund] Storchenau. *Institutiones Metaphysicae, cum Logica* Tomi 5 | 8va | 4 | 1 scudo | 3 tari |
| 183 | Titi Livii. *Opera [quae supersunt]* | 12mo | 6 | 1 scudo | 3 tari |
| 184 | Bisso. *Introduzione alla vulgar Poesia* | 8va | 1 | | 3 tari |
| | | Vol. | 366 | 178 scudi | 7 tari |
| | Piu' varie altre operette, ascetiche, e filologiche in tutto libri e libretti | | 110 | 10 scudi | |
| | Piu' diverse opera scompagnate, come l'opera grande del Wolfio *Corso di Matematica* in soli 3. primi Tomi. L'opere di Cicerone Con varianti. Edizione di Napoli pochi vol. il Rollin, Cattaneo DSS. in tutto volume 33. | | 33 | | |
| | In tutto libri | | 509 | 188 scudi | 7 tari |
| | Piu' Tabulae Geographicae Antique a Sanson | | 6 | 1 scudo | 3 tari |
| | Altre Carte Geographicae moderne di vari autori | | 16 | 2 scudi | 6 tari |
| | Una sfera armillare | | | 2 scudi | 6 tari |
| | Un globo celeste calcolato da Mr. de Lande nel 1775 | | | 2 scudi | 6 tari |
| | Un globo terrestre composto dal Bonne | | | 2 scudi | 6 tari |
| | Totale | | | 199 scudi | 10 tari |

## Noti u Referenzi

1 Mons. A. Mifsud, *Origine della Sovranità Inglese su Malta,* p. 212. Mons. A. Mifsud jgħid li Xerri studja f'Napli mal-Prof. Genovese. Mons. Arċid. Vinc. Caruana Gatto, *Biografia di Mons. Arcivescovo Franc. Sav. Caruana*, p. 9. Caruana Gatto jgħid li Xerri kompla bl-istudju tiegħu fl-Università ta' Montpellier fi Franza.

2 Luret Vella, "Dun Mikiel Xerri", Dun Mikiel Xerri 1737-1799, (Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ Malta, 1999), 15-21. Vella jgħid li t-teoloġija studjaha fis-seminarju, filwaqt li l-letteratura u l-filosofija studjahom barra minn pajjiżna.

3 Il-Konti Antonio Ciantar *f'Malta Illustrata* jikteb li f'Ħaż-Żebbuġ kien hemm tnejn li kellhom skola tal-grammatika.

4 Arkivju Notarili, Valletta *Not. Giuseppe Bonavita Vol. R. 64/23.*

5 Arkivju Nazzjonali ta' Malta (NAM), *Epoca Gallica, Guidice di Pace, Atti Originali* Vol. 8, 1799. ff. 89-116, Carmel Testa, *The French in Malta 1798-1800*, (Malta, 1997), 492-496.

6 Noel D'Anastas, *Private Book Collection in Eighteenth Century Malta*. (Diss. DLIS, University of Malta, 2000). Ara wkoll Noel D'Anastas, "Kollezzjonijiet ta' kotba f'Ħaż-Żebbuġ matul is-sekli 18 u 19", Festa 2003 Kazin Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ, pp. 56-61.

7 Vincent Zammit, "Kollezzjoni ta' Kotba: Mużew tal-Birgu", *Fokus*, il-Mument, 6 ta' Awissu 2000 p. 21.

8 Genovesi kien professur ta' l-etika u l-filosofija fl-Università ta' Napli u kien figura importanti fl-era ta' l-illuminiżżmu.

9 Il-Brevjar kien ktieb li kull qasis bilfors kellu jkollu biex jista jagħmel il-Liturġija tas-Sigħat. L-edizzjoni Rumana kienet dik użata f'pajjiżna.

10 Illum magħruf bħala Lacaille.

11 It-tieni edizzjoni ta' din il-pubblikazzjoni kienet inħarġet f'Londra fl-1756.

12 Testa, *op. cit.* p. 494.

13 Fl-1707, Freiherr von Christian Wolff laħaq professur tal-matematika fl-Università ta' Halle, iżda fl-1723 ġie mneħħi wara bosta argumenti teoloġiċi u rreġa rritorna fl-1740 fejn ukoll kien laħaq kanċillier tal-università. F'dik il-waqfa, għal seba snin kien ukoll professur f'Marburg. Wolff huwa magħruf ukoll li rnexxielu jippopolarizza l-filosofija ta' Leibniz u huwa meqjus bħala l-vuċi tedeska fl-era ta' l-illuminiżmu.

14 Din l-antoloġija oriġinarjament kienet konsidrata minn C.R. Dati u volum minnhom ġie mitbugħ ġo Firenze fl-1661. Wara l-mewt ta' Dati, waqfu l-pubblikazzjonijiet sakemm fl-1716 reġa tkompla minn G. G. Bottari, R. A. Martini u T. Buonaventura fejn ukoll reġa' nħareġ l-edizzjoni tal-1661.

15 *Lexicon ta' Mikiel Anton Vassalli bi prezentazzjoni u annotamenti ta' Frans Sammut*. (SKS, 2002).

16 Din il-Grammatika reġa ħariġha Malta f'għamla riveduta fl-1827.

17 William Zammit, *A bibliography of Local Imprints 1642-1798*. (Thesis, DLIS, University of Malta, 1988).

18 NAM, *Epoca Gallica, Guidice di Pace, Atti Originali* Vol. 6 (1799), f. 27v.

19 ibid. f. 1-47v.

20 Testa, *op. cit.* p. 496.

21 ibid. f. 51

22 NAM, *Supp. per aprire botteghe.* Vol.18 (1789-94), f. 246.

23 NAM, *Epoca Gallica, Guidice di Pace, Atti Originali* Vol. 8, 1799. ff. 109-113v.

24 Mons. L. Cachia, "X'kien jaqra Dun Mikiel Xerri", *F'Għeluq it-tieni ċentinarju mill-mewt tal-Patrijott Malti u Żebbuġi Dun Mikiel Xerri u ħhabu 1799-1999*. (Kunsill Lokali, Ħaż-Żebbuġ, 1999), 32-33.

**Ħajr:** Arkivju Nazzjonali ta' Malta; Arkivju tal-Kattidral, Imdina; L-arċipriet u l-Mużew tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz il-Birgu; Dr. Paul Xuereb, ex-librar ta' l-Universita ta' Malta; Raymond Saliba; Mario Gauci; Maria Sammut; Marisa Calleja.

© Noel D'Anastas, Mejju 2005.